**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa b'urgenza Numru 90/2018

**1 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-2:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Antonia Perini - Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier

### SKUZAT:

Roderick Mamo – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiggustifika n-nuqqas tal-Kunsillier Roderick Mamo li kien baghat e-mail li permezz taghha talab lill-Kunsill Lokali jikkunsidra li jiggustifikah ghal ragunijiet ta' xoghol

## Minuti

### 90.1 Sejhiet ghall-offerti

90.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet iffinalizzat abbozz ta' dokument ghal sejha ghall-offerti ghal patching fi Triq il-Gendus (permezz ta' fondi tar-Regjun Xlokk) u xoghol fi Triq il-Polvrista. Wara li l-Kunsilliera gew mghoddija d-dettalji tad-dokument u x-xogholijiet rispettivi, kien hemm qbil illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti bbazata fuq id-dokumenti imhejji. Gie deciz ukoll illi l-kunsilliera Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli u James Cauchi jinhatru bhala evalwaturi tal-imsemmija sejha ghall-offerti. Il-ftuh tal-offerti kellu jsir mis-Sinjuri Brian Loffreda u Ramona Falzon Gatt.

90.1.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment ghall-Gvern Lokali kien baghat e-mail lill-Kunsill Lokali li permezz tieghu kien ta' struzzjonijiet sabiex tinhareg sejha ghal koncessjoni peress tas-sistema EPPS ghall-gbir ta' skart riciklabbli. Wara diskussjoni qasira, gie deciz illi filwaqt li kellu jigi ppreparat id-dokument tas-sejha, kellu jintalab il-permess mehtieg mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex l-istess sejha tkun tista' tigi ppublikata.

90.1.3 Is-Sindku fakkret lil dawk involuti sabiex fl-iqsar zmien possibbli ssir l-evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti ghax-xiri ta' fanali li l-Kunsill Lokali kien hareg. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-evalwaturi kienu gew mghoddija dokument li kien thejja minn persuna teknika sabiex jghinhom. Wara li s-Sa. Antonia Perini infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet personali ma xtaqetx tibqa' evalwatrici fis-sejha ghall-offerti in-kwistjoni, bi qbil unanimu is-Sur James Cauchi gie mahtur evalwatur minflok is-Sa. Perini.

90.1.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie evalwat il-process ta' evalwazzjoni ta' sejha ghall-offerti li kienet inharget ghas-servizz ta' accountant. Wara li giet mghoddija kopja tar-rapport imhejji, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u s-sejha ghall-offerti tigi aggudikata lill-offerent li kellu l-irhas offerta valida.

90.1.5 Wara li s-Sindku ghaddiet kopja tar-rapport li thejja mill-evalwaturi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi minhabba l-fatt illi l-unika offerta li kien ircieva l-Kunsill Lokali, minkejja li kienet valida, kienet ferm ghola mill-istima li kien ippjana l-Kunsill Lokali, is-sejha ghall-offerta' ma setghetx tigi milqugha. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellhom jigu migbura stimi sabiex is-servizz jinghata

permezz ta' *direct order* sakemm tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid u tigi aggudikata.

**Tmiem tal-laqgha**

Is-Seduta giet fi tmiemha fit-5:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum l-1 t'Ottubru, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |